# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03

Il-Ħamis 29 t'Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 29 t'Awwissu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia - Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

03.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji minħabba li kull membru kien preżenti.

### 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

03.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 02 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

03.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

03.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

03.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li fl-aħħar jiem ġew organizzati b'suċċess żewġ attivitajiet fix-Xlendi, is-sitt edizzjoni tax-Xlendi Sunset Festival nhar is-16 t'Awwissu 2024 b'kollaborazzjoni maż-żewġ għaqdiet volontarji Munxar Falcons FC u Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin, kif ukoll il-Ġostra Tradizzjonali nhar it-18 t'Awwissu 2024.

03.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saru żewġ laqgħat kordjali ħafna wara li l-Kunsill kien talab uffiċċjalment għal dawn il-laqgħat mal-Ministri kkonċernati.
Il-Kunsill iltaqa' ma' rappreżentant għat-trasport pubbliku dwar l-iskeda u r-rotot fejn ser jiġu esplorati l-proposti tal-Kunsill biex ikun hemm rotta fejn ir-residenti tax-Xlendi jkunu jistgħu jitilgħu bil-karozza tal-linja għall-Munxar u biex ikun hemm titjib fl-iskeda speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Kunsill Lokali Il-Munxar

Il-Kunsill iltaqa' wkoll mal-Ministru Għal Għawdex u kien hemm rieda tajba min-naħa tal-Gvern Ċentrali sabiex it-talbiet tal-Kunsill jiġu mwettqa li jinkludu l-asfaltar ta' toroq ġodda fil-Munxar kif ukoll proġett ta' riġenerazzjoni fix-Xlendi.

03.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi ewropej taħt il-programm Leader ġestita minn Gozo Action Group Foundation flimkien maż-żewġ għaqdiet volontarji Munxar Falcons FC u Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin. Din l-applikazzjoni tinkludi l-bdil tal-bankijiet u xi mwejjed li jinsabu mal-kosta tal-bajja tax-Xlendi li jintużaw mill-għawwiema, kif ukoll akkwisti oħra min-naħa tal-għaqdiet volontarji fosthom titjib fis-sistema TEN2 u tagħmir sportiv.

03.3.4 Is-Sindku rringrazzja lill-Viċi-Sindku Carmela Parnis kif ukoll lill-Kunsillier John Farrugia tas-sehem tagħhom waqt iż-żjara taż-żgħażagħ Ukreni fostna, liema żjara kienet pożittiva ferm b'rispons tajjeb ħafna min-naħa tagħhom.

## 03.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

03.4.1 Il-Viċi Sindku, Carmela Parnis staqsiet dwar *wire* imdendel li jinsab fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar biex jiġi rrapurtat lill-entita' kkonċernata, kif ukoll staqsiet dwar il-possibilta' biex isir xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

03.4.2 Il-Kunsillier John Farrugia staqsa dwar il-progress fis-suġġeriment tiegħu sabiex it-telephone box il-ħamra tiġi restawrata u rilokata. Is-Sindku wieġeb li fil-jiem li għaddew il-Kunsill ta prijorita' biex itellaq il-proġett tad-daħla tal-Munxar u fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jiddiskuti s-suġġeriment tiegħu mal-Perit tal-Kunsill.
Il-Kunsillier John Farrugia staqsa wkoll dwar il-possibilta' sabiex il-mitħna sotterranja fix-Xlendi tinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu nuqqas ta' riżorsi kemm finanzjarji biex issir il-manutenzjoni meħtieġa, kif ukoll riżorsi umani biex din tinżamm miftuħa. Madanakollu, wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jesplora l-possibiltajiet għall-kollaborazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

Kunsill Lokali Il-Munxar

03.4.3 Il-Kunsillier John Cassar ressaq suġġeriment sabiex jerġa' jinbena l-ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi Tas-Sanap ħdejn ix-xadba tal-injam hekk kif jibda l-pavimentar. Huwa talab ukoll sabiex issir tabella fil-pjazzetta ta' Triq San Pawl li tindika l-passaġġ lejn l-inħawi tal-Isdieri u l-wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dawn is-suġġerimenti.
Il-Kunsillier John Cassar ressaq proposta oħra sabiex isir xogħol ta' tisbieħ fid-daħla tal-Munxar minn Triq Marziena speċjalment ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill japplika għal dan il-proġett mal-ewwel opportunita' ta' fondi għal xogħol relatat ma' din il-proposta.

## 03.5 Proġetti fil-Lokalita';

03.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bdew ix-xogħlijiet tal-proġett ta' riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka. Huwa spjega kif l-ewwel fażi ser tikkonsisti fi tqattigħ ta' trinek biex jitgħaddew parti mil-*cables* ta' Enemalta PLC minn taħt l-art.

## 03.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2024 – Ġunju 2024 (It-Tieni Kwart)

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2024 sat-30 ta' Ġunju 2024 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2024 – Ġunju 2024 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 03.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

03.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:
- Attivita' Soċjali – Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina – 31 t'Awwissu 2024;
- Attivita' Soċjali – Triq Il-Madonna tal-Karmnu, Munxar – 14 ta' Settembru 2024;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

Kunsill Lokali Il-Munxar

03.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri korrispondenza mgħoddija lilu sabiex l-iskrivana tal-Kunsill tiprogressa minn skala 15 għal skala 14. Kien hemm qbil mill-membri fid-dawl tal-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali kif ukoll *memo* 8/2015 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

03.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand kumpanija ta' konsulenza fil-qasam tal-films dwar interess biex issir sessjoni ta' filmat ġewwa l-mitħna sotterranja tax-Xlendi. Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

03.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Said u d-Drittijiet tal-Annimali b'kuntratt għall-finanzjament ta' 50 siġra ta' valur ta' €500. Dan wara applikazzjoni tal-iskema 'Ġonna fl-Urban" sottomessa mill-Kunsill. Kien hemm qbil sabiex dan il-kuntratt jiġi ffirmat.

03.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar sabiex il-Kunsill jissottometti l-proposti tiegħu biex jorganizza attivita' fil-jiem tal-Milied 2024. Kien hemm qbil mill-membri li tiġi sottomessa l-proposta biex issir l-attivita' bħal snin preċedenti fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar.

03.7.6 Il-Kunsill irċieva stedina sabiex issir laqgħa l-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar insegwitu tal-proposta mressqa mill-Kunsill waqt laqgħa preċedenti mal-Onorevoli Ministru Clint Camilleri biex isir xogħol ta' tisbieħ fix-Xlendi. Din il-laqgħa hija skedata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Settembru 2024 fl-10.00 ta' filgħodu. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota dwar din il-laqgħa.

03.7.7 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Kunsill Lokali Fontana dwar għeluq ta' Triq Il-Għajn u devjazzjoni tat-traffiku għal Triq Munxar nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan mill-membri sakemm ikun hemm il-permessi kollha neċessarji inkluż uffiċjali jiddirieġu t-traffiku. Kien hemm qbil ukoll sabiex Triq Munxar tkun miftuħa biex jinżlu vetturi 'l isfel tar-residenti biss biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku.

03.7.8 Direttiva Numru 1/2024 maħruġa mid-Direttur Ġenerali, Gvern Lokali – Laqgħat Statutorji tal-Kunsilli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

03.7.9 Direttiva Numru 2/2024 maħruġa mid-Direttur Ġenerali, Gvern Lokali – Revoka ta' Direttiva 1/2024 u Aġġornament dwar il-laqgħat tal-Kunsilli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.10 PQ 20898 – Kiri ta' Braken (Nefqa) – Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

03.7.11 WasteServ Malta Ltd. - European Week for Waste Reduction Nov'24. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/047 – Group Life Policy 2024-2025 għall-membri eletti. Il-Kunsill approva l-pagament għal din il-polza t'assigurazzjoni.

03.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/048 – "European Mobility Week". Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/049 – "You Matter – Building Resilience: Overcoming Challenges and Promoting Well-being" 28/09/2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/050 – "Charity Bike Ride in aid of id-Dar tal-Providenza on Sunday 27th October 2024". Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/051 – Save the Date: 11th September 2024 "Transforming Care for Older Adults in Malta". Il-Kunsill innota l-kontenut.

03.7.17 Ilment 30/2024
Talba sabiex parti minn bankina fi Triq Ir-Rabat fix-Xlendi (quddiem il-*lift* tal-Knisja li għadu kif ġie nstallat) issir rampa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

03.7.18 Ilment 31/2024
Resident jitlob sabiex isir metru double yellow line kull naħa taż-żewġ garaxxijiet tiegħu fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

03.7.19 Ilment 32/2024

Residenta titlob sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku quddiem daħla ta' garaxxijiet fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan is-suġġeriment jintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

03.7.20 Ilment 33/2024

Resident jissuġġerixxi sabiex isir xogħol ta' tkomplija ta' *stainless steel railing* ħdejn sellum tal-baħar fil-bajja tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din it-talba tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

03.7.21 Ilment 34/2024

Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem blokk t'appartamenti ġodda fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din it-talba tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar.

03.7.22 Ilment 35/2024

Residenta titlob sabiex parti minn bankina, quddiem garaxx, fi Pjazza Anfori fix-Xlendi issir rampa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

03.7.23 Ilment 36/2024

Resident jitlob għal aktar xogħol ta' knis fi Triq Ir-Rabat fix-Xlendi minħabba li qed jinqala' ħafna żrar mit-tarmak tat-triq u jista' jkun ta' periklu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar minħabba li huma responsabbli ta' din it-triq arterjali.

03.7.24 Ilment 37/2024

Residenta titlob sabiex issir tabella biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb mis-sidien tagħhom kif ukoll isir *dog bin* fi Triq Sant'Anjeże fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex titwaħħal it-tabella iżda fir-rigward tad-*dog bin* kien hemm qbil biex ma jitwaħħalx minħabba li fil-passat kien hemm diġa' wieħed u kien hemm ilmenti dwaru minn residenti oħra.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 03.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

03.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 03/2024-9 għall-perjodu bejn id-19 ta' Lulju 2024 u d-29 t'Awwissu 2024 li tammonta għal €27,991.68 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

## 03.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 23 ta' Settembru 2024.

,

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar